MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1381/2002/1

**Avviz Numru 1381/02 AJD**
**Paul Dimech**

**vs**

**Roc-a-Go Crane Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta’ Mejju 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' erba’ mitt lira Maltin (Lm400.00) rappprezentanti rifuzjoni ta’ prezz ta’ magna ta’’ vettura li l-attur xtara minghand il-konvenut fit-12 ta’ Novembru 2001. Wara perijodu ta’’ cirka xahar il-magna in kwistjoni zviluppat hsara fit-‘timing belt’ u l-konvenut kien bidillu tali magna b’magna ohra bin-numru 0415649. Sussegwentement tali magna zviluppat hsarat fil-‘compression chamber’ u l-attur skopra li l-magna

kienet ittiehdet minn karozza li ghamlet certu perijodu fil-bahar. L-atttur interpella lill-konvenut diversi drabi sabiex ibiddillu l-magna in kwistjoni jew jirrrifondilu l-prezz tal-magna.
Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ zewg ittri nterpellatorji.

Ra r-Risposta taas-socjeta’ konvenuta fejn din eccepit is-segwenti:-
1. Illi s-socjeta’ konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-magna in kwistjoni nxtrat minghand Victor Micallef u mhux minghand is-socjeta’ konvenuta.
2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fattu fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tat-28 ta’ Gunju 2002 fejn it-Tribunal laqa’ t-talba tal-attur ghall-kjamata in kawza ta’ Victor Micallef.

Ra d-digriet tal-20 ta’ Settembru 2002 fejn gie revokat ‘contrario imperio’ id-digriet tat-28 ta’ Gunju 2002 u dan wara li l-attur irtira t-talba tieghu ghall-kjamata in kawza ta’ Victor Micallef.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Brian Farrrugia u ta’ Louis Micallef. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta’ konvenuta eccepiet li hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-magna li taghha l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tal-prezz fil-kawza odjerna inxtrat minghand Victor Micallef u mhux minghand l-istess socjeta’ konvenuta. Louis Micallef, ir-rappprezentant tass-socjeta’ konvenuta li xehed fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2003 spjega li s-socjeta’ konvenuta tipprovdi servizzi ta’ ‘crane services’ u kiri ta’ ‘skips’ minn art propjeta’ ta’ huh Victor Micallef, izda li dan tal-ahhar ma kellux x’jaqsam mas-socjeta’ konvenuta kif jirrizulta

mill-Memorandum and Articles tal-istess socjeta’ (a fol. 44 et seq.) u inoltre l-anqas ma huwa impjegat tal-istess socjeta’ konvenuta kif jirrizulta mill-lista tal-impjegati rilaxxxjata mill-ETC ( a fol. 56 et seq. ). Luouis Micallef spjega li huh Victor Micallef ikun ta’ spiss fuq il-post tan-negozju tas-socjeta’ konvenuta sabiex jghinu u jaghmillu xi qadi izda jghid ukoll li l-magna mibjugha lill-attur kienet tappartjeni lil dan Victor Micallllef. Huwa jghid ukoll li kellu x’jaqsam aml-attur biss fl-okkazzjoni meta ntalab jimla’ d-dettalji fuq ic-“cheque’ li permezz tieghu l-attur hallas lill-konvenut meta nxtrat il-magna u dan peress li huh ma kienx jaf jikteb. Ix-xhud spjega li huwa ntalab jaghmel dan kemm mill-attur kif ukoll minn Victor Micallef.

Illi l-attur isostni li huwa lil Victor Micallef ma kienx jafu u fil-fatt jghid hekk:- *“Jiena lil Victor Micallef ma kontx nafu.. Jiena meta waqafli t-truck hadtu ghand ir-Roc- a- Go Garage biex jissewwa”.* Huwa jghid ukoll li kien staqsa lil Victor Micallef lil min kellu jkun pagabbli c-‘cheque’ u dan tal-ahhar kien irrisponda li kellu jkun pagabbli lilu.

Illi mill-kopja tac-‘cheque’ datat 12 ta’ Novembru 2001 ( a fol.2 ) esebit mill-attur stess mal-Avviz tat-Talba jirrizulta li l-pagament fl-ammont ta’ Lm400.00, u cioe’ l-prezz tal-magna, gie effetwat lil Victor Micallef u mhux lis-socjeta’ konvenuta. It-Tribunal ma jistghax jifhem kif l-attur jista’ jippretendi r-rifuzjoni tal-prezz minghand is-socjeta’ konvenuta meta jirrizulta ampjament li l-pagament tal-prezz gie effetwat lil Victor Micallef. Aktar u aktar it-Trtibunal ma jifhimx ir-raguni ghalfejn l-istess attur irtira t-talba ghal kjamata in kawza ta’ Victor Micallef specjalment wara li din it-talba keinet diga’ ntlaqghet minn dan it-Tribunal.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-pagament rigwardanti l-prezz tal-magna in kwistjoni gie effetwat lil Victor Micalllef u isegwi ghalhekk li t-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz kellha tkun diretta kontra l-istess Victor Micallef u mhux kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jillibera lis-socjeta’ konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju

u konsegwentement jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes jithallsu nterament mill-istess attur,

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------